MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2006

Numru. 73/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**SEAN MUSCAT bin Andrew u Bernardette nee' Ellul, imwieled fit-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 1988 u residenti April Love, Dahlet ix-Xaghra ta' Barbra, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 21788G**

**Seduta ta' llum 18 ta' Lulju, 2006**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **SEAN MUSCAT** bin Andrew u Bernardette nee' Ellul, imwieled, fit-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 1988 u residenti April Love, Dahlet ix-Xaghra ta' Barbra, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 21788G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fit-

tmintax (18) ta’ Jannar, 2005 fin-Nadur, Ghawdex, ghall-habta tat-tmienja ta’ filghodu minghajr ma darab jew sawwat hedded bi hwejjeg iebsin, injama lil Carmelo Muscat u Anthony Cassar, it-tnejn minn Nadur.
Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tapplika l-artikoli 383 u 384 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti inkluz l-okkorrenza relattiva.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil PS 187 Mario Cassar, Carmelo Muscat, Anthony Muscat, Anthony Cassar kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

**Illi mill-provi prodotti l-akkuza tirrizulta ppruvata w ghalhekk, wara li l-Qorti rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 339(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li ssib lil imputat SEAN MUSCAT hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal amenda ta’ ghaxar [10] liri maltin.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------